



Brussell, 19 ta' Frar 2026
(OR. en)

06038/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0040(NLE)

RESUA 3
FIN 209
ECOFIN 158
ELARG 18
COEST 106
DEVGEN 24
UA PLATFORM 3

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 fir-rigward tal-kontribuzzjoni
finanzjarja addizzjonali mill-lżvezja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447
fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali mill-Iżvezja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-
29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(2)
tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/792, huwa possibbli li Stati Membri, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew sorsi oħra jipprovdu kontribuzzjonijiet addizzjonali għall-Faċilità għall-Ukrajna, inkluż għall-Pjan għall-Ukrajna.
- (2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/792, l-Iżvezja impenjat ruħha li tipprovdi SEK 2 000 000 000, bħala kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli. Dik il-kontribuzzjoni tikkostitwixxi dħul assenjat estern. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni ta' dik il-kontribuzzjoni f'konformità mal-proċeduri applikabbli għan-nefqa tal-Unjoni, b'mod partikolari l-proċeduri skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u r-Regolament (UE) 2024/792.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (3) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Iżvezja tkun disponibbli għall-Ukrajna soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' ftehim ta' trasferiment bejn l-Iżvezja u l-Kummissjoni u t-trasferiment tal-kontribuzzjoni finanzjarja relatata. Jenħtieġ li dik il-kontribuzzjoni finanzjarja tiġi allokata għat-tmien pagament parzjali trimestrali tal-Pjan għall-Ukrajna u jenħtieġ li tiġi zborzata soġġett għat-twettiq sodisfaċenti tal-passi kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti. Jenħtieġ li l-ammont tat-tmien pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna jiġi aġġustat kif xieraq biex jitqies l-ammont finali ta' dik il-kontribuzzjoni finanzjarja espress f'euro li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata tal-kambju uffiċjali fil-mument tat-trasferiment.
- (4) Wara li waslet l-ewwel kontribuzzjoni addizzjonali ta' SEK 750 000 000 imsemmija fl-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447³, il-valur finali f'euro ta' dik il-kontribuzzjoni ġie determinat fuq il-bażi tar-rata tal-kambju applikabbli fil-mument tat-trasferiment. Sabiex jiġi rifless il-valur finali attwali, huwa xieraq li l-ammonti stabbiliti fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' ita' Implimentazzjoni jiġu aġġustati skont dan.
- (5) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj).

(6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. Kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali, fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għall-ekwivalenti f'euro ta' SEK 2 000 000 000 bir-rata tal-kambju uffiċjali fil-mument tat-trasferiment tal-kontribuzzjoni mill-Iżvezja għall-Faċilità għall-Ukrajna, għandha ssir disponibbli għall-Ukrajna skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/792.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tiġi implimentata f'konformità mar-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.”;

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
